

Il-Ħamis 16 ta' Diċembru 2010

Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew *I**

P7_TA(2010)0486

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2010 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi azzjoni tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew (COM(2010)0076 – C7-0071/2010 – 2010/0044(COD))

(2012/C 169 E/45)

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2010)0076),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 167 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0071/2010),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni motivata ppreżentata mis-Senat Franċiż, fil-qafas tal-protokol (Nru 2) dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, li tistqarr li l-abbozz tal-att leġislattiv ma jikkonformax mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tad-9 ta' Ġunju 2010 ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A7-0311/2010),
1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sostanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

⁽¹⁾ ĠU C 267, 1.10.2010, p. 52.

P7_TC1-COD(2010)0044

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-16 ta' Diċembru 2010 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Deċiżjoni Nru .../2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi azzjoni tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 167 tiegħu,

Il-Ħamis 16 ta' Diċembru 2010

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ⁽¹⁾,

Wara trasmissjoni tal-abbozz tal-att legiſlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Billi jaġixxu skont il-proċedura legiſlattiva ordinarja ⁽²⁾,

Billi:

- (1) ***It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)*** jimmira għal unjoni dejjem eqreb fost il-popli tal-Ewropa u ***l-Artikolu 167 TFUE***, b'mod partikolari, jagħti lill-Unjoni Ewropea l-kompitu li tikkontribwixxi biex jiffjorixxu l-kulturi tal-Istati Membri, filwaqt li tirrispetta d-diversità nazzjonali u reġjonali tagħhom u fl-istess waqt tirriżalta l-wirt kulturali komuni. ***Barra minn hekk, l-Artikolu 167(2) TFUE jispeċifika li, skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, l-Unjoni għandha tikkontribwixxi għat-titjib tal-ġharfien u t-tixrid tal-kultura u l-istorja tal-popli Ewropej.***
- (2) Fehim u apprezzament aħjar, speċjalment fost iż-żgħażaġh, tal-wirt komuni madankollu differenti tagħhom, jgħinu fit-tisħiħ tas-sens ta' appartenenza għall-Unjoni Ewropea u jirrinforzaw id-djalogu interkulturali. Għalhekk, huwa importanti li ssir il-promozzjoni ta' aċċess akbar għall-wirt kulturali u li tittejjeb id-dimensjoni Ewropea.
- (3) It-TFUE jistabbilixxi wkoll iċ-ċittadinanza tal-Unjoni, li tikkomplementa ċ-ċittadinanza nazzjonali tal-Istati Membri rispettivi, u li hija element importanti fil-ħarsien u t-tisħiħ tal-proċess tal-integrazzjoni Ewropea. Sabiex iċ-ċittadini jagħtu l-appoġġ sħiħ tagħhom għall-integrazzjoni Ewropea, għandu jitqiegħed enfasi akbar fuq il-valuri, l-istorja u l-kultura komuni tagħhom bħala elementi ewlenin tas-sħubija tagħhom f'soċjetà bbażata fuq il-prinċipji tal-libertà, id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, id-diversità kulturali u ***lingwistika***, it-tolleranza u s-solidarjetà.
- (4) Skema intergovernattiva taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew ġiet immedija fi Granada f'April 2006 minn diversi Stati Membri u mill-Isvizzera.
- (5) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta konklużjonijiet fl-20 ta' Novembru 2008 ⁽³⁾ li permezz tagħhom jimmira li jittrasforma ċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew intergovernattiv f'azzjoni tal-Unjoni Ewropea billi stieden lill-Kummissjoni biex tissottomettilu proposta xierqa għall-ħolqien ta' Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew mill-Unjoni Ewropea u biex tispeċifika l-proċeduri prattiċi għall-implimentazzjoni tal-proġett.
- (6) Il-konsultazzjoni pubblika u l-istima tal-impatt imwettqa mill-Kummissjoni kkonfermaw li ċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew intergovernattiv kien inizjattiva utli, iżda li l-azzjoni kellha bżonn tkompli tiġi żviluppata sabiex tilħaq il-potenzjal sħiħ tagħha u kkonfermaw li l-involviment tal-Unjoni Ewropea jista' jipprovdi valur miżjud ċar liċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew u jgħin lill-inizjattiva biex tagħmel pass kwalitattiv 'il quddiem.
- (7) ***Iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew għandu jibbenefika mill-esperjenza miksuba sa issa mill-inizjattiva intergovernattiva.***

⁽¹⁾ ĠU C 267, 1.10.2010, p. 52.

⁽²⁾ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2010.

⁽³⁾ ĠU C 319, 13.12.2008, p. 11.

Il-Ħamis 16 ta' Diċembru 2010

- (8) Iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew għandu jfittex **li jissupplimenta bla ma jidduplika** inizzjattivi bħal-Lista tal-Patrimonju Dinji tal-UNESCO, **il-Lista Rappreżentattiva tal-Patrimonju Kulturali Intanġibbli tal-Umanità tal-UNESCO** u r-“Rotot Kulturali Ewropej” tal-Kunsill tal-Ewropa. Il-valur miżjud taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew għandu jkun ibbażat fuq il-kontribut tas-siti magħżula għall-istorja u l-kultura tal-Ewropa, **fosthom il-ħolqien tal-Unjoni**, fuq dimensjoni edukattiva ċara li tilħaq liċ-ċittadini, **b'mod speċjali** ż-żgħażaġh, u fuq netwerking bejn is-siti għall-qsim tal-esperjenzi u l-aqwa prattiki. Il-fokus ewlieni tal-inizzjattiva għandu jkun fuq il-promozzjoni u l-aċċess tas-siti, **biex jingħata kontribut għal wirt storiku u kulturali komuni fl-Unjoni**, u fuq il-kwalità tal-ispjegazzjonijiet mogħtija u tal-attivitajiet proposti, minflok fuq il-konservazzjoni tas-siti, li għandha tiġi ggarantita mir-reġimi tal-protezzjoni eżistenti.
- (9) Minbarra li ssaħħa is-sens ta' appartenenza taċ-ċittadini tal-UE għall-Unjoni u tistimula d-djalogu interkulturali, azzjoni tal-Unjoni għat-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew tista' wkoll tikkontribwixxi biex ittejjeb il-valur u l-profil tal-wirt kulturali, biex iżżid l-irwol tal-patrimonju fl-iżvilupp ekonomiku u sostenibbli tar-reġjuni, b'mod partikolari permezz tat-turiżmu kulturali, biex trawwem sinerġiji bejn il-wirt kulturali u l-ħolqien u l-kreattività kontemporanji, biex tiffaċilita l-qsim tal-esperjenzi u l-aqwa prattiċi madwar l-Ewropa, u b'mod aktar ġenerali, biex tippromwovi l-valuri demokratiċi u d-drittijiet tal-bniedem li jsejsu l-integrazzjoni Ewropea.
- (10) Dawn l-għanijiet huma għal kollox konformi mal-għanijiet tal-aġenda Ewropea għall-kultura, li jinkludu t-trawwim tad-diversità kulturali u d-djalogu interkulturali u l-promozzjoni tal-kultura bħala katalista għall-kreattività⁽¹⁾.
- (11) Huwa kruċjali li ċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew għandu jingħata fuq il-bażi ta' kriterji u proċeduri komuni, ċari u trasparenti.
- (12) **L-Istati Membri għandu jkollu l-possibbiltà li jagħżel minn qabel siti li diġà kien ingħatalhom iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew fl-iskema intergovernattiva taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew. Dawn is-siti għandhom jiġu vvalutati fuq il-bażi tal-kriterji u l-proċeduri l-ġodda.**
- (13) **L-evalwazzjonijiet futuri taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew jistgħu jeżaminaw il-possibiltà' li l-inizzjattiva tiġi estiża biex tinkludi pajjiżi terzi li jipparteċipaw fil-Programm tal-Kultura.**
- (14) L-arranġamenti amministrattivi għaċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew għandhom **ikunu** ħfief u flessibbli b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.
- (15) Minħabba li l-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk, minħabba l-ħtieġa, b'mod partikolari, għal kriterji u proċeduri komuni, ċari u trasparenti ġodda għaċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew, kif ukoll għal koordinazzjoni aktar b'saħ-ħitha bejn l-Istati Membri, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx 'l hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu dawk l-għanijiet,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Suġġett

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi azzjoni tal-Unjoni Ewropea intitolata “Iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew”.

⁽¹⁾ COM(2007)0242.

Il-Ħamis 16 ta' Diċembru 2010

Artikolu 2

Definizzjoni

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, "siti" għandha tfisser monumenti, siti naturali, **taħt il-baħar, arkeoloġiċi, industrijali** jew urbani, pajsaġġi kulturali, postijiet ta' tifikira, prodotti u oġġetti kulturali, u wirt intanġibbli assoċjat ma' post, inkluż wirt kontemporanju.

Artikolu 3

Għanijiet

1. L-għanijiet ġenerali tal-azzjoni għandhom ikunu li din tikkontribwixxi biex:
 - **jissaħħaħ** is-sens ta' appartenenza taċ-ċittadini tal-UE għall-Unjoni, **b'mod partikolari dak taż-żgħażaġh**, fuq il-bażi **tal-valuri u** tal-elementi komuni tal-istorja u l-wirt kulturali **tal-Ewropa**;
 - **jissaħħaħ** id-djalogu interkulturali **u interterritorjali, kif ukoll l-apprezzament tad-diversità**.
2. **Għal dak il-għan, l-azzjoni għandha tfittex, bħala l-għanijiet intermedji tagħha, li:**
 - **tisħaq fuq** il-valur **simboliku** u **tgħolli** l-profil tas-siti li kellhom rwol **sinifikanti** fl-istorja u **l-kultura tal-Ewropa u/jew fil-bini** tal-Unjoni **¶**;
 - iżżid il-fehim taċ-ċittadini tal-UE dwar **l-istorja** tal-Ewropa **u l-bini tal-Unjoni**, u tal-wirt kulturali **tanġibbli u intanġibbli** komuni għalkemm divers tagħhom, speċjalment fir-rigward tal-valuri demokratiċi u d-drittijiet tal-bniedem li jirfdu l-proċess tal-integrazzjoni Ewropea.
3. **Is-siti stess għandhom ifittxu, bħala għanijiet** speċifiċi, **li:**
 - jiżviluppaw is-sens Ewropew tas-siti;
 - **ikabbru** l-għarfien fost iż-żgħażaġh **b'mod partikolari u fost iċ-ċittadini tal-UE b'mod ġenerali** dwar il-wirt kulturali komuni tagħhom **u jsaħħulhom is-sens ta' identità Ewropea**;
 - jiffaċilitaw l-kondiviżjoni tal-esperjenzi u l-iskambji tal-aqwa prattiċi madwar l-Ewropa;
 - **iżidu u/jew itejbu** l-aċċess għas-siti ta' patrimonju **għal kulħadd**, speċjalment għaż-żgħażaġh;
 - **iżidu d-djalogu** interkulturali, speċjalment fost iż-żgħażaġh, permezz ta' edukazzjoni artistika, kulturali, storika **u interattiva onlajn**;
 - **irawmu** sinerġiji bejn il-wirt kulturali u l-ħolqien **kontemporanju u jappoġġaw il-kreattività**;
 - **filwaqt li tiġi rrispettata l-integrità tal-wirt kulturali, irawmu l-interazzjoni bejn dak il-wirt u l-attivitajiet ekonomiċi li jikbru madwaru tiegħu u li jikkontrwixxu għas-sostenibilità tiegħu u tal-ambjent ta' madwaru**;
 - **jikkontribwixxu** għall-attrazzjoni, **l-influenza kulturali, l-iżvilupp turistikku** u l-iżvilupp sostenibbli tar-reġjuni;
 - **iħeġġu l-ħolqien ta' networks Ewropej għat-titjib tal-wirt Ewropew komuni**.

Il-Ħamis 16 ta' Diċembru 2010

Artikolu 4

Parteċipazzjoni fl-azzjoni

L-azzjoni għandha tkun miftuħa għall-parteċipazzjoni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. Din il-parteċipazzjoni għandha tkun fuq bażi volontarja.

Artikolu 5

Il-komplimentarjetà ma' inizjattivi oħrajn

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw **li ċ-Ċertifikat** tal-Patrimonju Ewropew **jissupplimenta bla ma jidduplika** inizjattivi oħrajn fil-qasam tal-wirt kulturali, bħal-Lista tal-Patrimonju Dinji tal-UNESCO, **il-Lista Rappreżentattiva tal-Wirt Kulturali Intanġibbli tal-Umanità tal-UNESCO** u r-“Rotot Kulturali Ewropej” tal-Kunsill tal-Ewropa.

Artikolu 6

Aċċess għall-azzjoni

Is-siti, kif definiti fl-Artikolu 2, għandhom ikunu eliġibbli għall-attribuzzjoni taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew.

Artikolu 7

Kriterji

L-attribuzzjoni taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew għandha tkun ibbażata fuq il-kriterji li ġejjin:

- (1) Il-kandidati **għaċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew** għandu jkollhom valur Ewropew simboliku u **jkun kellhom** rwol **sinifikanti** fl-istorja u **fil-kultura tal-Ewropa u/jew** fit-tiswir tal-Unjoni **█**. Għalhekk **█** għandhom jiġġustifikaw:
 - in-natura transkonfinali jew pan-Ewropea tagħhom: l-influwenza tal-passat u tal-preżent u l-attrazzjoni ta' sit kandidat għandhom imorru 'l hinn mill-fruntiera nazzjonali ta' Stat Membru; u/jew
 - il-post u l-irwol ta' sit fl-istorja Ewropea u l-integrazzjoni Ewropea, u r-rabtiet tiegħu ma' avvenimenti jew ma' personalitajiet Ewropej ewlenin, kif ukoll mal-movimenti kulturali, artistiċi, **reliġjużi**, politiċi, soċjali, xjentifiċi, teknoloġiċi, **ambjentali** jew industrijali; u/jew
 - il-post u l-irwol ta' sit fl-iżvilupp u l-promozzjoni tal-valuri komuni li jsejju l-integrazzjoni Ewropea, bħal-libertà, id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, id-diversità kulturali, it-tolleranza u s-solidarjetà.
- (2) Il-kandidati **għaċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew** għandhom jissottomettu proġett li **l-implimentazzjoni tiegħu trid tibda mhux aktar tard minn tmiem is-sena tan-nomina, u li jkun jinkludi l-elementi** kollha li ġejjin:
 - iqajmu għarfien dwar is-sens Ewropew tas-sit, b'mod partikolari permezz ta' attivitajiet xierqa ta' informazzjoni, sinjalar u taħriġ tal-persunal;
 - jorganizzaw attivitajiet edukattivi, speċjalment għaż-żgħażaġh, li jżidu l-għarfien tal-istorja komuni tal-Ewropa u l-patrimonju komuni madankollu differenti tagħha u li jsaħħu s-sens ta' appartenenza għal spazju komuni;
 - jippromwovu l-multilingwiżmu **u d-diversità reġjonali** billi jużaw diversi lingwi tal-Unjoni **bħala muftieħ għad-djalogu interkulturali**;
 - **jikkoperaw ma' siti li jkun diġà ngħatalhom** iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew **█**;

Il-Ħamis 16 ta' Diċembru 2010

- jgħollu l-profil u l-attrazzjoni tas-sit fuq skala Ewropea, **inter alia permezz ta' teknoloġija ġdida tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni;**
- **jiżguraw li s-sit isir aċċessibbli għaċ-ċittadini tal-UE filwaqt li jirrispetta bis-sħiħ l-integrità tiegħu.**

L-organizzazzjoni ta' attivitajiet artistiċi u kulturali (pereżempju avvenimenti, festivals, residenzi, eċċ.) li jħeġġu l-mobbiltà **tal-aġenti kulturali, l-artisti u l-kollezzjonijiet Ewropej**, li jstimulaw id-djalogu interkulturali u jinkoraġġixxu r-rabta bejn il-patrimonju u l-ħolqien u l-kreattività kontemporanji **għandha tiġi milqugħa bi pjaċir** kull meta l-ispeċifità tas-sit tippermetti dan.

(3) Il-kandidati għat-ċertifikat għandhom jissottomettu pjan ta' ġestjoni li jorbothom mal-elementi kollha li ġejjin:

- jiżguraw il-ġestjoni tajba tas-sit;
- jiżguraw il-protezzjoni tas-sit u t-trasmissjoni tiegħu għall-ġenerazzjonijiet futuri b'konformità mar-reġimi tal-protezzjoni rilevanti;
- jiżguraw il-kwalità tal-faċilitajiet ta' akkoljenza bħall-preżentazzjoni storika, informazzjoni lill-viżitaturi, sinjalar, eċċ.;
- jiżguraw l-aċċess għall-pubbliku l-aktar wiesa' possibbli, pereżempju permezz ta' adattamenti fis-sit jew għoti ta' taħriġ lill-persunal, **u permezz tal-użu tal-internet, fosthom għal persuni anzjani u nies b'diżabilità;**
- jagħtu attenzjoni speċjali liż-zgħażaġh, b'mod partikolari billi jippermettulhom li jkollhom aċċess privileġġjat għas-sit;
- jippromwovu s-siti bħala destinazzjonijiet turistiċi **filwaqt li jillimitaw l-impatti negattivi li jistgħu jolqtu s-siti jew l-ambjent tagħhom;**
- jiżviluppaw strateġija ta' komunikazzjoni koerenti u komprensiva li tenfasizza s-sens Ewropew tas-sit;
- jiżguraw li, kemm jista' jkun possibbli, il-pjan ta' ġestjoni ma jagħmilx ħsara lill-ambjent ■.

Artikolu 8

Bord Ewropew ta' esperti indipendenti

1. Għandu jiġi stabbilit bord Ewropew ta' esperti indipendenti (minn hawn 'il quddiem msemmi l-"bord Ewropew") sabiex iwettaq il-proċeduri tal-għażla u l-monitoraġġ fil-livell Ewropew. Dan għandu jiżgura li l-kriterji jiġu applikati b'mod uniformi fl-Istati Membri parteċipanti.
2. Il-bord Ewropew għandu jkun jikkonsisti minn **13-il membru**. Erbgħa mill-membri għandhom jiġu nnominati mill-Parlament Ewropew, erbgħa mill-Kunsill u erbgħa mill-Kummissjoni **u wieħed mill-Kumitat tar-Reġjuni, skont il-proċeduri rispettivi tagħhom**. Il-bord Ewropew għandu jaħtar il-president tiegħu.
3. Il-membri tal-bord Ewropew għandhom ikunu esperti indipendenti. Huma għandu jkollhom esperjenza u kompetenza sostanzjali **fl-oqsma** li huma rilevanti għall-għanijiet taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew. **L-istituzzjonijiet li jinnominaw l-esperti għandhom ifittxu li jiżguraw kemm jista' jkun il-komplemtarjetà tal-oqsma rispettivi tal-kompetenza tagħhom u rappreżentanza bbilanċjata ġeografikament.**

Il-Ħamis 16 ta' Diċembru 2010

4. Il-membri tal-bord Ewropew għandhom jiġu nnominati għal tliet snin. Permezz ta' deroga, fl-ewwel sena li matulha tkun fis-seħħ din id-Deċiżjoni, għandhom jiġu nnominati erba' esperti mill-Kummissjoni għal sena waħda, erbgħa mill-Parlament Ewropew **u wieħed mill-Kumitat tar-Reġjuni** għal sentejn u erbgħa mill-Kunsill għal tliet snin.

5. **Il-membri tal-bord Ewropew għandhom jiddikjaraw kull kunflitt ta' interess jew kunflitt potenzjali ta' interess rigward** sit speċifiku. **Fil-każ ta' dikjarazzjoni simili, jew jekk jirriżulta xi kunflitt ta' interess,** il-membri ■ m' għandux **jipparteċipa** fl-evalwazzjoni tal-imsemmi sit **jew ta' siti oħrajn tal-istess Stat Membru.**

6. Ir-rapporti, rakkomandazzjonijiet u notifikazzjonijiet kollha tal-bord Ewropew għandhom jitpoġġew disponibbli għall-pubbliku.

Artikolu 9

Formola ta' applikazzjoni

■ Għandha tiġi ppreparata formola ta' applikazzjoni komuni bbażata fuq il-kriterji tal-għażla **stipulati fl-Artikolu 7** mill-Kummissjoni u użata mill-kandidati kollha. Huma biss dawk l-applikazzjonijiet li jiġu sottomessi fuq il-formola tal-applikazzjoni uffiċjali li se jrin jingħadli biex jintgħażlu.

Artikolu 10

Għażla minn qabel fil-livell nazzjonali

1. L-għażla minn qabel tas-siti għall-attribuzzjoni taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew għandha tkun taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri, **b' koperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet lokali u reġjonali.**

2. Kull Stat Membru jista' jagħżel minn qabel sa massimu ta' żewġ siti kull **sentejn** b'konformità mal-kalendarju stabbli fl-Anness. ■

3. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi l-proċeduri u l-kalendarju tiegħu stess għall-għażla minn qabel tas-siti b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, billi jiżgura li l-arranġamenti amministrattivi jibqgħu kemm jista' jkun ħfief u flessibbli. Madankollu, huwa għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bir-riżultati tal-għażla minn qabel l-aktar tard **sal-1 ta' Marzu** tas-sena tal-proċedura tal-għażla **ta' qabel l-għażla.**

4. L-għażla minn qabel għandha **ssir f' konformità' mal-kriterji** stipulati fl-Artikolu 7 u għandha tuża l-formola tal-applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 9.

5. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-lista sħiħa ta' siti magħżula minn qabel u għandha tinforma lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwarha.

Artikolu 11

Għażla finali fil-livell tal-Unjoni

1. L-għażla finali tas-siti għall-attribuzzjoni taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew għandha tkun taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni u għandha titwettaq mill-bord Ewropew.

2. Il-bord Ewropew għandu jevalwa l-applikazzjonijiet tas-siti magħżula minn qabel u għandu jagħżel sa massimu ta' sit wieħed għal kull Stat Membru. Jekk ikun hemm bżonn, tista' tintalab aktar informazzjoni u jistgħu jiġu organizzati żjarat fis-siti.

3. L-għażla finali għandha **ssir f' konformità' mal-kriterji** stipulati fl-Artikolu 7 u għandhom jintużaw il-formola tal-applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 9.

Il-Ħamis 16 ta' Diċembru 2010

4. Il-bord Ewropew għandu joħroġ rapport dwar is-siti magħżula minn qabel l-aktar tard **sal-15 ta' Diċembru** tas-sena tal-proċedura **ta' qabel l-għażla**. Dak ir-rapport għandu jinkludi rakkomandazzjoni għall-attribuzzjoni taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew u dikjarazzjoni tar-raġunijiet għaliex ċerti siti ma ġewx inklużi fil-lista finali.

5. Il-kandidati li ma ġewx inklużi fil-lista finali jistgħu jissottomettu applikazzjoni ġdida għall-għażla minn qabel fil-livell nazzjonali fis-snin li ġejjin.

Artikolu 12

Siti transnazzjonali

1. Għall-fini ta' din id-Deċiżjoni, dawn li ġejjin għandhom jitqiesu bħala "siti transnazzjonali":
 - diversi siti li jinsabu fi Stati Membri differenti li jinġabru madwar tema speċifika waħda sabiex jissottomettu applikazzjoni waħda;
 - sit speċifiku wieħed li ġeografikament jinsab fit-territorju ta' mill-inqas żewġ Stati Membri differenti.

2. L-applikazzjonijiet għas-siti transnazzjonali għandhom isegwu l-istess proċedura bħall-applikazzjonijiet għal siti oħrajn. Dawn għandhom jintgħażlu minn qabel **■** mill-Istati Membri **kollha** kkonċernati fi ħdan il-limitu **tagħhom** ta' massimu ta' żewġ siti kif stipulat fl-Artikolu 10. **Is-siti transnazzjonali għandhom jindikaw wieħed mis-siti involuti bħala l-koordinatur tagħhom, li jkun l-uniku punt ta' kuntatt għall-Kummissjoni. Il-koordinatur għandu jipprovi informazzjoni dwar il-kandidatura transnazzjonali fi żmien xieraq fl-Istati Membri kollha sabiex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni ta' siti madwar l-Unjoni kollha. Is-siti kollha li jipparteċipaw f'siti transnazzjonali għandhom jissodisfaw il-kriterji stipulati fl-Artikolu 7 u għandhom jimlew il-formola ta' applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 9 u għandhom jissodisfaw il-kriterji fl-Artikolu 7.**

Għandha tingħata kunsiderazzjoni partikolari lil siti transnazzjonali li jrawmu l-essenza tal-wirt Ewropew transkonfinali, permezz tar-rappreżentazzjoni tagħhom tas-simboliżmu tanġibbli u intanġibbli.

3. Jekk sit transnazzjonali jissodisfa l-kriterji kollha stipulati fl-Artikolu 7, il-prijorità għandha tinghata lil dak is-sit waqt l-għażla finali.

4. Jekk wieħed mis-siti inklużi f'siti transnazzjonali ma jibqax jissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 7 jew l-impenji magħmula fl-applikazzjoni, il-proċedura stipulata fl-Artikolu 15 għandha tapplika.

Artikolu 13

Nomina

1. Il-Kummissjoni għandha tinnomina uffiċjalment lil dawk is-siti li sejrjn jingħataw iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew matul is-sena wara l-proċedura tal-għażla, **filwaqt li tiegħu kont xieraq tar-rakkomandazzjoni** tal-bord Ewropew. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill **u lill-Kumitat tar-Reġjuni bid-deċiżjonijiet li jkun u ttiegħdu.**

2. Iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew għandu jingħata lis-siti **■** fuq bażi permanenti skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 14 u 15 u soġġett għall-kontinwazzjoni tal-azzjoni.

3. **L-għoti taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew ma għandux iġib miegħu xi obbligu marbut mal-ippjanar urban, mal-liġi, mat-tisbiħ, mal-mobbiltà jew mal-arkitettura. L-unika liġi applikabbli għandha tkun dik lokali.**

Il-Ħamis 16 ta' Diċembru 2010

Artikolu 14

Monitoraġġ

1. Kull sit li jingħata ċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew għandu jiġi mmonitorjat fuq bażi regolari sabiex jiġi żgurat li huwa jkompli jissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 7 u li jirrispetta l-impenji li jkunu saru fl-applikazzjoni relatata miegħu.
2. Il-monitoraġġ tas-siti kollha li jinsabu fit-territorju ta' Stat Membru għandhom jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Istat Membru inkwistjoni. L-Istat Membru għandu jiġbor l-informazzjoni kollha meħtieġa u jipprepara rapport dettaljat kull erba' snin, b'konformità mal-kalendarju fl-Anness.
3. Ir-rapport għandu jintbagħat lill-Kummissjoni u jiġi sottomess lill-bord Ewropew sabiex jiġi eżaminat l-aktar tard **sal-1 ta' Marzu** tas-sena tal-proċedura tal-monitoraġġ.
4. Il-bord Ewropew għandu joħroġ rapport dwar l-istat tas-siti ċċertifikati fl-Istat Membru kkonċernat l-aktar tard **sal-15 ta' Diċembru** tas-sena tal-proċedura tal-monitoraġġ, inklużi, jekk ikun hemm bżonn, rakkomandazzjonijiet li jridu jiġu kkunsidrati għall-perjodu ta' monitoraġġ li jkun imiss.
5. Il-Kummissjoni, **wara konsultazzjoni mal-bord Ewropew**, għandha tistabbilixxi indikaturi komuni għall-Istati Membri sabiex ikunu jistgħu jiżguraw approċċ koerenti għall-proċedura ta' monitoraġġ.

Artikolu 15

Irtirar taċ-Ċertifikat

1. Jekk il-bord Ewropew jinnota li sit speċifiku ma għadux jissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 7 jew li ma għadux jkkonforma mal-impenji kollha li saru fl-applikazzjoni tiegħu, huwa għandu jibda djalogu mal-Istat Membru kkonċernat permezz tal-Kummissjoni, bil-għan li jgħinu jagħmel l-aġġustamenti meħtieġa fis-sit.
2. Jekk wara perjodu ta' 18-il xahar wara l-bidu tad-djalogu jkunu għadhom ma sarux l-aġġustamenti meħtieġa fis-sit, il-bord Ewropew għandu jinnotifika b'dan lill-Kummissjoni. In-notifika għandha tkun akkumpanjata minn ġustifikazzjoni, kif ukoll minn rakkomandazzjonijiet fuq kif tista' titjeb is-sitwazzjoni.
3. Jekk wara perjodu ġdid ta' 18-il xahar, ir-rakkomandazzjonijiet ikunu għadhom ma ġewx implimentati, il-bord Ewropew għandu joħroġ rakkomandazzjoni biex iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew tiġi rtirata mis-sit rilevanti.
4. Il-Kummissjoni għandha tieħu d-deċiżjoni finali li tirtira ċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew **wara li tqis kif jixraq ir-rakkomandazzjoni tal-bord Ewropew**. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat tar-Regġuni bid-deċiżjoni.
5. In-notifiki u r-rakkomandazzjonijiet tal-bord Ewropew għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku.
6. **Is-siti jistgħu jagħżlu li jirrinunzjaw għaċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew meta jridu. F'dan il-każ, għandhom jinnotifikaw lill-Istat Membru kkonċernat, li min-naħa tiegħu jrid jinforma lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tieħu d-deċiżjoni li tirtira ċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew u għandha tinforma lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat tar-Regġuni dwarha.**

Il-Ħamis 16 ta' Diċembru 2010

Artikolu 16

Arranġamenti prattiċi

1. Il-Kummissjoni għandha timplimenta l-azzjoni tal-Unjoni għaċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew. B'mod partikolari, hija għandha:

- tiżgura l-koerenza u l-kwalità ġenerali tal-azzjoni;
- tiżgura l-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri u l-bord Ewropew;
- **fid-dawl tal-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 u bi qbil mal-kriterji stipulati fl-Artikolu 7**, tistabbilixxi linji gwida **biex jgħinu fil-proċeduri** tal-għażla u l-monitoraġġ, kif ukoll il-formola tal-applikazzjoni;
- tipprovdi appoġġ lill-bord Ewropew.

2. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-komunikazzjoni u l-viżibbiltà taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari permezz tal-ħolqien u ż-żamma ta' websajt speċifika **u logo ġdid, biex jogħla l-profil u tiżdied l-attrazzjoni tas-sit fuq skala Ewropea, pereżempju bl-użu tal-possibilitajiet li joffru teknoloġiji ġodda u mezzi diġitali u interattivi kif ukoll bit-tfittxija ta' sinerġiji ma' inizjattivi oħrajn Ewropej. In-notifiki u r-rakkomandazzjonijiet kollha tal-bord Ewropew imsemmija fl-Artikolu 8(6), l-Artikolu 10(5) u l-Artikolu 15(5) għandhom jiġu ppubblikati f'din il-websajt.**

3. Il-Kummissjoni għandha tippromwovi attivitajiet ta' netwering bejn is-siti mogħtija ċ-ċertifikat.

4. L-azzjonijiet taħt il-paragrafi 2 u 3, kif ukoll l-ispejjeż tal-bord Ewropew għandhom jiġu ffinanzjati permezz tal-pakkett finanzjarju stabbilit fl-Artikolu 18.

Artikolu 17

Evalwazzjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-evalwazzjoni esterna u indipendenti tal-azzjoni taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew. Tali evalwazzjoni għandha ssir kull sitt snin b'konformità mal-kalendarju stabbilit fl-Anness u għandha tinkludi eżami tal-elementi kollha, inkluża l-effiċjenza tal-proċessi involuti fit-tmexxija tal-azzjoni, l-għadd ta' siti, **l-ambitu ġeografiku u l-impatt tal-azzjoni**, il-modi kif din tista' tittejjeb u jekk din għandhiex titkompla jew le.

2. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar dawn l-evalwazzjonijiet lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fi żmien sitt xhur minn meta dawn jiġu ffinalizzati, **flimkien, jekk ikun xieraq, ma' proposti rilevanti.**

I

Artikolu 18

Dispożizzjonijiet finanzjarji

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-azzjoni matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Diċembru 2013 huwa stabbilit li huwa ta' EUR 1 350 000.

Il-Ħamis 16 ta' Diċembru 2010

2. L-approprijazzjonijiet annwali għandhom jiġu awtorizzati mill-awtorità baġitarja fi ħdan il-limiti tal-qafas finanzjarju multiannwali.

Artikolu 19

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-ġurnata ta' wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

ANNEX

KALENDARJU

Kalendarju għaċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew

[Sena n]	Adozzjoni tad-Deċiżjoni Ħidma preparatorja
[Sena n + 1]	Ħidma preparatorja
[Sena n + 2]	Għażla minn qabel mill-Istati Membri ■
[Sena n + 3]	Nomina finali tas-siti
[Sena n + 4]	Għażla minn qabel mill-Istati Membri
[Sena n + 5]	Nomina finali tas-siti u monitoraġġ
[Sena n + 6]	Għażla minn qabel mill-Istati Membri
[Sena n + 7]	Nomina finali tas-siti Evalwazzjoni taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew
[Sena n + 8]	Għażla minn qabel mill-Istati Membri
[Sena n + 9]	Nomina finali tas-siti u monitoraġġ
[Sena n + 10]	Għażla minn qabel mill-Istati Membri
[Sena n + 11]	Nomina finali tas-siti
[Sena n + 12]	Għażla minn qabel mill-Istati Membri
[Sena n + 13]	Nomina finali tas-siti Evalwazzjoni taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew